# Soċjeta Filarmonika Nicolo Isouard

## Il-Banda mistiedna tagħna.




Is-Soċjeta Nicolo' Isouard twaqqfet uffiċċjalment fil-15 t'Ottubru 1871, wara t-tħabrik ta' Ġanni Azzopardi, bandist man-Navy Ingliża, meta 'l-Banda tal-Mosta' kif kienet magħrufa dak iż-żmien, tat l-ewwel esekuzzjoni tagħha. Dakinhar filgħodu l-Isqof Fra Gaetano Pace Forno kkonsagra r-Rotunda tal-Mosta u filgħaxija il-banda daqqet l-ewwel programm mużikali tagħha fil-beraħ. Minn dakinhar il-quddiem il-banda ntrabtet b'mod integrali ma l-attivitajiet reliġjużi u soċjali li jsiru fil-Mosta. Ewlenija fosthom hija l-festa ta' Sta. Marija, fejn tagħti sitt servizzi bil-qofol ikun id-dħul tal-purċissjoni fejn jitkantaw u jindaqqu l-Innijiet Marjani, komposti esklussivament għal din is-Soċjeta.

Is-Soċjeta Filarmonika Nicolo' Isouard għaddiet ukoll minn żminijiet diffiċli l-aktar meta faqqgħet l-ewwel gwerra dinjija fl-1914 u l-każin kellu jingħalaq sakemm reġa' nfetaħ każin ġdid fl-1922. kienu tmien snin ta' qtiegħ il-qalb iżda d-determinazzjoni u l-isforzi ta' dawk li baqgħu attivi wasslu biex lejn il-bidu tas-snin tletin, il-Banda Nicolo' Isouard ħarġet aktar b'saħħiha minn qatt qabel.

Ir-riżultati tat-tagħlim u l-isforzi ndividwali li jsiru mill-bandisti joħorġu fid-deher fil-programmi li tipperżenta l-Banda Nicolo' Isouard. L-Innu *Alla Beata Maria Vergine* magħruf bħala l-Innu l-Kbir ta' Antonio Miruzzi u li sar aktar minn mitt sena ilu, huwa eżempju antik ta' dan. Programm partikulari li baqa' jissemma kien dak tal-20 t'Ottubru 1946 meta l-Banda fakkret il-75 anniversarju mill-fondazzjoni tagħha. Avveniment ieħor importanti kien is-sehem sħiħ tal-Banda fil-festi speċjali

li saru f'Awissu 1975 meta x-xbiha ta' l-Assunta ġiet inkurunata mill-Arċisqof Mikiel Gonzi quddiem eluf kbar ta' Maltin li ġew il-Mosta.

F'dawn l-aħħar snin il-banda ħadet id-drawwa li ttella' programmi mużikali kbar f'lokalitajiet magħluqa. Fost is-swali ta' prestiġju fejn il-banda daqqet b'suċċess insibu t-Teatru Manoel, is-Sala ta' l-Istitut Kattoliku, s-Sala Sir Temi Zammit ta' l-Universita, is-Sala tal-Lukanda Radisson f'San Ġiljan, fl-Awditorju tal-Lukanda Hilton u fis-Sala Prinċipali tal-Lukanda Radisson f'Għajn Tuffieħa. Nsemmu wkoll il-Kon-Katidral ta' San Ġwann fejn il-Banda esegwiet il-*Messa da Requiem*





ta' Verdi nhar it-3 t'April 2004. L-aqwa post fejn daqqet il-Banda kien bla dubju ta' xejn is-Sala Prinċipali tal-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti f'Ġinevra nhar id-29 ta' Novembru 2001.
Matul is-sena 2004 is-Soċjeta fakkret il-125 sena minn meta l-Kumitat immexxi mill-President il-Prof. Napuljun Tagliaferro ddeċidea li l-Banda tal-Mosta jingħatalha isem biex jibqa mfakkar il-kompożitur kbir Malti ta' fama nternazzjonali - Nicolo' Isouard. Fost l-attivitajiet li saru biex jitfakkar dan l-anniversarju nsemmu l-mawra li l-Banda għamlet fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Kanada.
Kien għalhekk ferm xieraq li l-ħidma volontarja ta' tant Mostin msieħbin fis-Soċjeta' Filarmonika Nicolo' Isouard b'risq sħabhom Mostin l-oħra tkun apprezzata mill-Kunsill Lokali. Għalhekk l-għoti ta' l-Onoficenza Ġieħ il-Mosta lil din l-ewwel Soċjeta fl-Mosta nhar is-16 ta' Settembru 2004 ifisser sentimenti profondi ta' dover, ta' sodisfazzjon u ta' apprezzament.

A.D. 1871

**Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard**

*Marċi li ser jindaqqu mill-Banda Nicolo' Isouard tal-Mosta*

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Over the Top* | *Emanuel Spagnol* | *Melita* | *Anthony Aquilina* |
| *L-ewwel banda Mostija* | *Stephen Dimech* | *Tal-Qalba* | *Joseph Busuttil* |
| *Il-Banda f'San Francisco* | *Twanny Borg* | *Coronation* | *Joseph Azzopardi* |
| *Ta' Kola* | *Victor Zammit* | *Agrigento* | *Andrew Coleiro* |
| *Brian u Susan* | *Andrew Coleiro* | *Santos* | *David Agius* |
| *Il-Famuża Koppla* | *Willie Attard* | *Bernardette* | *Ronald Pisani* |
| *Maria* | *Gabriel Muscat* | *Vinceremos* | *Archibald Mizzi* |
| *Kummissjoni Żgħażagħ* | *Ray Sciberras* | *Millenium* | *Andrew Coleiro* |
| *Festa Mostija* | *Twanny Borg* | *Iacchus* | *Archibald Mizzi* |
| *Golden Jubilee* | *Emanuel Bugeja* | | |

*Il-Banda Nicolo' Isouard hija il-Mistiedna ta' l-Għaqda ta' l-Armar 25 ta' Novembru*

*Il-Banda tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast tagħha Mro. E. Spagnol FLCM. LLCM(Hons)*